# L-Akbar Ħabiba Tiegħi

Fid-dinja hawn ħafna nies. Ħbieb għandi daqskemm hemm stilel fis-sema. Iżda l-ħabiba li tispikka minnhom kollha hija Katie.



Ilni naf lil Katie minn ġuf ommi. Ħafna nies, meta jarawna flimkien jgħidulna, "Qiskom id-di u d-do." Katie toqgħod il-Ħamrun. Hija tfajla kemm kemm twila b'għajnejha griżi, xagħarha lixx, kannella skur u mdaqqas. Għandha ġilda qisha ta' tarbija, żejtnija. Fuq imneħirha għandha ponta żgħira bilkemm tidher. Wiċċha ovali b'wardiet roża. Katie hija dik it-tip li tippreferi tilbes flokk, qalziet u slippers, milli xi libsa jew dublett.

Din it-tifla għandha personalità tal-ġenn u qalb tad-deheb. Veru li xi kultant nargumentaw xi ftit, imma kulħadd qisu vit u skorfina xi darba jew oħra, mhux hekk? Katie, dejjem toħroġ mid-dar b'riħa ta' fwieħa li taqsamlek qalbek u tbissima enormi fuq fommha. Hija tfajla simpatika, kuntenta u kwieta. Din tħobb tiżfen, tkanta u tirreċta.

Kemm qed inħossni kburija u fortunata li għandi ħabiba mill-aqwa! Katie hija persuna li mhijiex baħrija tal-bnazzi. Ma nistax nifhem kif jirnexxilha tifqagħni bid-daħk. Għandi seba' mitt sena biex nerġa' niltaqa' magħha. Sewwa jgħidu, aħjar ħabib fis-suq milli skud fis-senduq.

Kitba ta' Selsheia Tanti